# ĦUT LI JAGĦNI N-NIES

...Għax hemm ħut u ħut. Hawn Malta mita ngħidu ħut ħsiebna jmur malajr fuq il-vopi u l-arżnell. Jekk tikkorda fi kwart trill trid tara jekk hux twil erba' purzieri għax inkella ħoll xagħrek u ġib iż-żejt... Gżira ċkejkna baħar ma' dwarha żgħir, żgħira l-art, żgħar in-nies, żgħir u ftit il-ħut.

Hemm artijiet kbar li eluf ta' nies igħixu fuk il-ħut, mhux biss biex jikluh, imma biex jaħdmuh u jaqalgħu flejjes kbar, minn laħmu, minn żejtu, minn qoxortu, minn kull ma fih.

X'ma jeħdux mill-baliena? Kemm nies igħixu minn fuqha? żjut, għadam, u x'naf jien. Mijiet ta' vapuri, jistadu, jaqbdu, jisolħu, igħallu u jibagħtu lejn il-fabbriki ma' tulek ja sena...

Issa għamlu għall-*klieb-il-baħar*. Sa ftit żmien ilu, mita tgħid kelb-il-baħar, għedt ħuta tal ħsara biss, u kullħadd jaħrab minnha, ħut u nies; il-lum sabu li minn dil-ħuta qalila, li qatt ma swiet fils, hemm x'tieħu u xi tbiegħ.

L-Awstralja armat sħiħ għal-dan il-ħut u ma'tul l-art, għal ma dwar elf u mitejn mil, hemm vapuri mgħammrin b'kull ma jinħtieġ, jistadu fuk il-"*Great Barrier Reef.*" Is-sajd isir bix-xbiek, li jinxeħtu l-hawn u l-hinn kisu bħal tunnari, xbiek imtaqqla biċ-ċomb u fil-wiċċ imdendla ma' bagi tażżġieġ, waħda kull tmien piedi. Ix-xibka fiha mal-għoxrin pied wisa', u tinxeħet fuq it-triq li jieħu l-ħut.

Il-kelb-il-baħar jixxeblek u jitgeżwer fil-għażel u aktarx ma jeħlisx. Malli jindunaw li l-ħut tfixkel fil-ħajt, imorru u jiġbdu x-xbiek sa ma l-ħuta toħroġ barra mill-ilma. Hawn iwaħħlula ganċ fil-garġi u bil-magna jerfgħuha abbord. Joqtluha bis-skieken jew bl-isparar u jerħulha ġewwa l-istiva.

Kull ħuta tkun twila minn 8 sa 13-il-pied u waħda kbira tiżen mal-ħames qnatar.

Mita l-vapur jaqbad il-ħut li jkun weħel, jitlaq għall-port, l-aktar isorġi f'Pindimar.

Il-ħut jintrafa' b'ingassa minn denbu u jtellgħuh l-art bi grabja ta' l-istim.

L-ewwel jaqtgħulu l-pinni li jnixxfu fix-xemx biex ikunu jistgħu jsifruhom lejn il-Lvant, biex bihom jagħmlu sopop u ġelatina, l-aktar għaċ-Ċiniżi. Imbagħad jaqbdu jqaxxru il-ħuta, biċċa xogħol sewwa, imma sa fl-aħħar jaqalgħuha sħiħa, u jonxruha, u bi skieken kbar ineħħula kull ma jkollha mwaħ-



ħal magħha minn ġewwa; jaħsluha bl-ilma baħar u wara igħattuha bis-salmura għal xi tmint ijiem biex tkun imħejjija għal idejn dawk li jridu jikkunzawha. Biċċa mill-ġilda jqattgħuha żgħir biex mita tinxef tmur biex tmelles l-injam, bħal dak li ngħidulu *xkatlu* jew *xagrin*, għax il-ġilda tal-klieb-il baħar ħarxa u tobrox daqs raspa.

Il-lum il-ġilda ta' xi ħut tmur biex tagħmel boros, kaxex għotien, għamiedi, u kisi ieħor ta' ħwejjeġ żgħar għal fuq l-imwejjed ta' min jista' jiħallashom. Imma l-ġilda tal kelb-il-baħar, ikkunzata, tagħmel l-aħjar irkaptu għaż-żraben, għax qawwija u sabiħa mill-aktar, u l-lum imfittxa wisq. Kull tunnellata ħut tagħti 90 pied kwadru ġilda għaż-żraben.

U l-laħam? Dan anqas ma jintrema. Imqatta' żgħir, jixxuttawh u jnixxfuh u jinbagħat l-Affrika u l-Malaya fejn dan il-ħut imqadded iġib flus sewwa.

Sabu wkoll illi mill-fwied ta' dal-ħut joħroġ żejt mill-aħjar tant għas-snajja' kemm ukoll biex jittieħed minn ġewwa bħal duwa. Kullħadd jaf kemm jinħela żejt-il-ħut, li sa'ssa kien jittieħed mill-fwied tal-bakkaljaw; iż-żejt tal-kelb-il-baħar tajjeb daqsu, jekk mhux aħjar minnu, għax mimli bi ħwejjeġ tas-sustanzi li l-lum imsemmija *Vitamini A* u *D*.

Dan mill-fwied frisk; jekk il-fwied ikun qadim, iż-żejt li jittieħed minnu jmur għall-industriji, l-aktar biex irattbu il-ġlud, jittempraw l-azzar u jagħmlu s-sapun. Minn tunnellata ħut jeħdu erbgħin gallun żejt.

Dan ix-xogħol sejjer tant tajjeb li l-lum qe'd jibnu vapuri kbar biex ix-xogħol kollu isir abbord minngħajr ma jkun jinħtieġ li jmorru l-art xejn. Bastimenti żgħar jistadu u jnewlu l-qabda lil vapuri kbar, u hekk ma jkunx hemm ħala ta' xogħol u ta' żmien, għax b'hekk isiru l-flus. Il-ħala ma jifdix. Jekk biex taqla' sold trid taħli disa'ħabbiet ma jaqbilx, u biex issib ir-roħs trid ittalla' x-xogħol fi żmien qasir.

Tgħid għadx naraw xi ħaġa bħal din hawn Malta? Sqallija it-tonn qajla jbigħuh frisk, għax jaqbel jaħdmuh u jbigħuh fiż-żejt.

Biż-żmien kollox jasal, naħseb, u dak li ma jistâx isir il-lum, bil-għajnuna ta' Alla, jista' jsir għada. Nitgħallmu fuq dak li jsir barra u bil-ħsieb, u bir-rieda tajba xi ġid isir, jekk m'hux il-wisq, il-ftit. Aħna nuru x'isir band'oħra u ħadd ieħor jara jekk b'ħiltu jistâx igħin id-dagħjsa: kullħadd f'sengħetu.

T. Z.

N.B. Tgħarbila ta' dak li qal T. C. Roughley fil ġurnal "*Smith's Dock Journal*", Jannar 1929.